IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.5.2018
COM(2018) 432 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017

{SWD(2018) 366 final}

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttieħdet mir-Rumanija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2), ir-raba' subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Ġunju 2017, il-Kunsill iddeċieda b'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li fir-Rumanija teżisti devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju. Fid-dawl tad-devjazzjoni sinifikanti stabbilita, fis-16 ta' Ġunju 2017 il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni[2] għar-Rumanija biex tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiggarantixxi li fl-2017 ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett[3] ma taqbiżx it-3,3 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG.

(2) Fil-5 ta' Diċembru 2017 il-Kunsill ikkonkluda[4] li r-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2017. Fuq din il-bażi, fil-5 ta' Diċembru 2017 il-Kunsill ħareġ rakkomandazzjoni[5] għar-Rumanija biex tieħu l-passi meħtieġa sabiex tiggarantixxi li fl-2018 ir-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma taqbiżx it-3,3 %, li tikkorrispondi għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,8 % tal-PDG. Huwa rrakkomanda wkoll li r-Rumanija tuża kull gwadann mhux previst biex tnaqqas id-defiċit tagħha u li jenħtieġ li miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib dejjiem fil-bilanċ strutturali tal-gvern ġenerali b'manjiera li tiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa l-iskadenża tal-15 ta' April 2018 biex ir-Rumanija tirrapporta dwar l-azzjoni li tkun ħadet b'reazzjoni għal din ir-rakkomandazzjoni.

---

1 ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

2 ĠU C 216, 6.7.2017, p. 1.

3 L-infiq nett tal-gvern huwa magħmul mill-infiq totali tal-gvern bl-esklużjoni tal-infiq fuq l-imgħax, infiq fuq programmi tal-Unjoni kompletament korrisposti mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil nondiskrezzjonarju fl-infiq fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata fil-livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Inklużi fil-kalkolu hemm il-miżuri diskrezzjonali ta' dħul jew ta' żieda fid-dħul obbligatorji bil-liġi. Il-miżuri ta' darba fin-naħa kemm tad-dħul kif ukoll tal-infiq huma esklużi.

4 ĠU L 340, 20.12.2017, p. 49.

5 ĠU L 439, 20.12.2017, p. 1.

(3) Fl-10 u l-11 ta’ April 2018, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta’ sorveljanza msaħħa fir-Rumanija għall-fini ta’ monitoraġġ fuq il-post skont l-Artikolu -11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97. Wara li l-eżiti proviżorji ġew trażmessi lill-awtoritajiet Rumeni għall-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni rrapportat l-eżiti tagħha lill-Kunsill fit-[23] ta’ Mejju 2018. Dawn il-konklużjonijiet sussegwentement ġew ippubblikati. Ir-rapport tal-Kummissjoni jikkonstata li l-awtoritajiet Rumeni mhumiex beħsiebhom jaġixxu skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017. L-awtoritajiet ikkonfermaw lill-missjoni li l-mira tagħhom għall-2018 tibqa' defiċit nominali ta’ ftit inqas minn 3 % tal-PDG. Fid-dawl tal-marġni pożittiv u dejjem jiżdied tal-potenzjal tal-produzzjoni, dan jindika deterjorament tad-defiċit strutturali sottostanti, kuntrarjament għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill u jirrifletti politika fiskali kjarament espansjonarja.

(4) Fl-20 ta’ April 2018, wara l-iskadenza stabbilita mill-Kunsill, l-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw rapport dwar l-azzjoni li kienet ittieħdet b’reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ Diċembru 2017. Fir-rapport, l-awtoritajiet tennew li l-mira tagħhom għall-2018 tibqa' defiċit nominali ta’ ftit inqas minn 3 % tal-PDG. L-impatt fiskali tal-miżuri rrapportati huwa 'l bogħod b'mod sinifikanti mir-rekwiżit iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

(5) Abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2018, it-tkabbir tal-infiq pubbliku primarju nett huwa mistenni jammonta għal 10,8 %, 'il fuq sew mill-parametru referenzjarju għall-infiq ta' 3,3 %. Il-bilanċ strutturali huwa mistenni jiddeterjora b'0,5 % tal-PDG fl-2018, u jilħaq defiċit ta' 3,8 % tal-PDG. Dan hu l-kontra tat-titjib strutturali rakkomandat ta’ 0,8 % tal-PDG meta mqabbel mal-2017. Għaldaqstant, iż-żewġ pilastri jindikaw devjazzjoni b’marġni wiesa’ mill-aġġustament rakkomandat. Il-parametru referenzjarju tal-infiq jindika devjazzjoni ta’ 2,4 % tal-PDG. Il-bilanċ strutturali jikkonferma din l-interpretazzjoni, u jindika devjazzjoni kemxejn iżgħar ta’ 1,8 % tal-PDG. L-istima sottostanti ogħla tat-tkabbir potenzjali tal-PDG meta mqabbel mal-medja tat-terminu medju li tirfed il-parametru referenzjarju tal-infiq kellha impatt negattiv fuq id-daqs tad-devjazzjoni indikat mill-bilanċ strutturali. Meta wieħed iqis dan, il-valutazzjoni ġenerali tikkonferma devjazzjoni b’marġni wiesa’ mill-aġġustament rakkomandat.

(6) Dan id-deterjorament meta mqabbel mal-2017 huwa xprunat l-aktar minn żidiet fl-infiq għall-kumpens tal-impjegati pubbliċi, li ġew promulgati fis-sajf tal-2017 u li daħlu fis-seħħ f’Jannar 2018. Mill-previżjoni tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2017 ’l hawn, li kienet il-bażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ Diċembru 2017, l-awtoritajiet parzjalment reġġgħu lura r-riforma sistemika tal-passat tal-pensjonijiet billi baxxew il-proporzjon tal-kontribuzzjonijiet soċjali ttrasferiti lit-tieni pilastru tal-pensjonijiet b’seħħ mill-2018. Dan it-tnaqqis huwa mistenni li jkollu effett pożittiv fuq terminu qasir fuq id-dħul tal-gvern u għalhekk fuq il-bilanċ tal-gvern ġenerali. Madankollu, il-gwadann fiskali huwa mistenni li jintilef fix-xejn fuq terminu twil hekk kif il-kontribuzzjonijiet soċjali ddevjati mit-tieni pilastru ikunu akkumpanjati mill-obbligu li jitħallsu l-pensjonijiet tal-età fil-futur.

(7) Dan iwassal għall-konklużjoni li r-reazzjoni tar-Rumanija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta’ Diċembru 2017 ma kinitx biżżejjed. L-isforz fiskali huwa ’l bogħod mill-aġġustament strutturali annwali ta’ 0,8 % tal-PDG għall-2018, li jikkorrispondi għal rata ta’ tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett li ma jaqbiżx it-3,3 % fl-2018.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Rumanija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Rumanija.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President